VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 19,904, 21 ta' Novembru, 2017
Taqsima B

A.L. 322 tal-2017

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

L-Ordinamenti tal-2017 biex jemendaw l-Ordinamenti tal-2016 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad, 2004 għall-Higher Diploma in Aviation – H.Dip. - taħt il-patroċinju tal-Istitut għat-Teknoloġiji Aerospazjali

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikoli 74(5) u 75(6) tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier tal-Università ta' Malta ppromulga dawn l-ordinamenti magħmulin mill-Bord tal-Istitut għat-Tekonoloġiji Aerospazjali bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikolu 8(b)(v) tal-Istatut għall-Istitut, u li ġew approvati mis-Senat tal-Università ta' Malta:

It-Titlu

1. Dawn l-ordinamenti jistgħu jissejħu bħala l-Ordinamenti tal-2017 biex jemendaw l-Ordinamenti tal-2016 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad, 2004 għall-Higher Diploma in Aviation – H. Dip. - u għandhom jinqraw u jinftiehmu bħala ħaġa waħda mal- Ordinamenti tal-2016 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad, 2004 għall-Higher Diploma in Aviation – H. Dip. - taħt il-patroċinju tal-Istitut għat-Teknoloġiji Aerospazjali ippubblikati bħala Avviż Legali 329 tal-2016, li minn hawn 'il quddiem jissejħu "l-ordinamenti prinċipali".

L-Applikabilità

2. Dawn l-ordinamenti għandhom japplikaw għall-korsijiet li jibdew f'Ottubru 2017 jew wara.

L-Emenda għall-ordinament 3 tal-ordinamenti prinċipali

3. Minflok il-paragrafu (1) tal-ordinament 3 tal-ordinamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"3. (1) Biex ikunu rreġistrati bħala studenti regolari fil-Kors, l-applikanti għandhom, minbarra li jissodisfaw ir-rekwiżiti ġenerali għad-dħul kif speċifikati fir-Regolamenti għad-Dħul, ikunu għaddew fil-Livell Avvanzat tal-Matrikola bi Grad C jew aħjar fil-Fiżika."